## 4 ta' Lulju, 1991

## Imħallef: –

## Dr. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D.

Paul Vella *et noe*

*versus*

Anthony Ellul

## Kontumaċja - Ġustifikazzjoni - Notifika

*Jirriżulta li l-att taċ-ċitazzjoni ġie konsinjat lil mart il-konvenut li indubbjament hija waħda mill-familja tiegħu, kif ukoll ġiet notifikata fil-lok fejn il-konvenut joqgħod. Għalhekk l-esiġenzi tal-liġi ġew sodisfatti;*

*Mill-banda l-oħra ġie konklussivament pruvat illi l-att fih innifsu qatt ma wasal għand il-persuna li kien maħsub li tiġi bih notifikata fiż-żmien utli lilha mogħti bil-liġi biex tirrispondi. Din il-konvinzjoni tiġġustifika l-kontumaċja tal-konvenut in kwantu ġie dejjem ritenut fil-ġurisprudenza illi l-kontumaċja ma tistax tiġi ġustifikata meta jkun hemm atteġġjament tal-konvenut li jista' jitqies li hu kolpuż;*

*Il-Qorti tqis l-istitut tal-kontumaċja bħala miżura ta' natura punittiva neċessarja biex tassigura serjetà fil-proċeduri u rispett dovut lejn l-atti emessi mill-Qorti. Mill-banda l-oħra proprju minħabba s-sanzjoni spiss irriversibbli li timporta, ir-rigorosità tal-proċedura għandha tiġi applikata u interpretata b'mod restrittiv.*

Il-Qorti:- Rat l-att taċ-ċitazzjoni tat-22 ta' Jannar, 1991, li bih l-atturi nomine wara li ppremettew illi s-soċjetà attriċi hija kreditriċi tal-konvenut fl-ammont ta' elf u għoxrin lira maltin

(LM1,020) liema ammont jirrapresenta l-bilanċ ta' prezz ta' madum ordnat u supplit lill-konvenut mis-soċjetà attriċi u li l-konvenut naqas li jħallas l-imsemmi ammont għalkemm debitament interpellat, anke permezz ta' ittra uffiċċjali sabiex jersaq għall-ħlas;

Talbu l-istess atturi nomine għaliex din il-Qorti m'għandiex:

(1) Tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas lill-atturi nomine s-somma ta' Lm1,020, bilanċ ta' prezz tal-madum kif fuq ingħad;

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali;

Rat li l-konvenut debitament notifikat bl-atti taċ-ċitazzjoni w id-dikjarazzjoni fl-20 ta' Marzu, 1991, permezz ta' ittra reġistrata, baqa' ma ippresentax nota tal-eċċezzjonijiet;

Rat il-verbal tal-14 ta' Mejju, 1991 li bih l-konvenut talab li jiġġustifika l-kontumaċja tiegħu;

Ikkunsidrat:

Il-konvenut qed jitlob li jiġġustifika l-kontumaċija fuq dawn il-fatti:

(1) - L-atti ġew notifikati permezz ta' ittra reġistrata f'idejn mart il-konvenut, Grace Ellul;

(2) - Martu kien għadu kemm kellha tarbija; l-ittra poġġitha fil-kommodina fil-kamra tas-sodda ta' fuq u ma qalet xejn biha lill-konvenut;

(3) - Kien il-konvenut stess li sab l-ittra wara ċertu żmien bla ma kienet qaltlu biha martu;

(4) - Dan kien wara li għalaq it-terminu ta' għoxrin ġurnata għall-preżentata tan-nota tal-eċċezzjonijiet. Immedjatament il-konvenut mar għand l-avukat biha.

(5) - Jirriżulta li qabel il-kawża l-konvenut kien irċieva mandat dwar l-istess mertu ta' din il-kawża mingħand id-ditta attriċi u f'dik l-okkażżjoni l-konvenut inkariga minnufih 'l-avukat biex jirrespinġi l-pretensjoni tad-ditta attriċi;

Il-Qorti m'għandiex raġuni għaliex tiddubita li l-fatti ġraw kif spjegati mill-kujuġi Ellul. Hi tagħti affidament lill-mod konvinċenti kif xehdu. Irid jiġi deċiż jekk iċ-ċirkostanzi humiex tali li jiġġustifikaw il-kontumaċija tal-konvenut;

Ma hemmx dubju li n-notifika saret strettament skond kif provdut fid-dispost tal-artikolu 187 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Dan jiddisponi illi n-notifika issir bil-konsenja ta' kopja tal-iskrittura lill-persuna li lilha l-iskrittura għandha tiġi notifikata, **jew billi dik il-kopja titħalla f'idejn membru tal-familja,** jew f'idejn wieħed fis-servizz ta' dik il-persuna fil-lok fejn toqgħod jew taħdem;

Jirriżulta issa li l-att taċ-ċitazzjoni ġie kunsinjat lil mart il-konvenut li indubbjament hija waħda mill-familja tiegħu, kif ukoll ġiet notifikata fil-lok fejn il-konvenut joqogħod. Għalhekk l-esiġenzi tal-liġi ġew sodisfatti;

Mill-banda l-oħra ġie, fil-fehma tal-Qorti, konklussivament

pruvat illi l-att fih innifsu qatt ma wasal għand il-persuna li kien maħsub li tiġi bih notifikata fiż-żmien utli lilha mogħti bil-liġi biex tirrispondi. Din il-konvinzjoni, fil-fehma tal-Qorti, tiġġustifika l-kontumaċja tal-konvenut in kwantu ġie dejjem ritenut fil-ġurisprudenza illi l-kontumaċija ma tistax tiġi ġustifikata meta jkun hemm atteġġjament tal-konvenut li jista' jitqies li hu kolpuż. Hu ovvju li ebda *culpa ma tista' tiġi* addebitata lill-konvenut una volta ġie pruvat li hu ma kienx jaf fiż-żmien utli bin-notifika lilu tal-att taċ-ċitazzjoni f'idejn martu. Fil-fehma tal-Qorti, dan il-ħabi involontarju da parti ta' martu fir-rigward tan-notifika jammonta għal ċirkostanzi simili għal dawk deskritti fil-każ "Filomena Farrugia vs. Salvatore Farrugia" (deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta' Novembru, 1955 - Vol.XXXIX - Pt.I. - pg. 300) li fiha ġie ritenut illi "kieku l-attriċi ħbiet iċ-ċitazzjoni u ma urietx biha lill-żewġha, n-notifika ma kinetx tkun saret għaliex kien jiġi nieqes l-iskop stess tan-notifika, li hu dak li ġġib lill-persuna li għandha tiġi notifikata a konjizzjoni tal-att intiż għaliha." Fil-*fehma* tal-Qorti għal kull effett prattiku hu irrilevanti jekk il-ħabi da parti tal-mara kienx wieħed fortuwitu jew intenzjonat;

Jiġi notat ukoll illi mart il-konvenut ma fetħitx l-"*envelope*" indirizzat lill-żewġha, b'forma ta' ittra reġistrata. Għalkemm jirriżulta li mart il-konvenut setgħet *tirrejalizza illi l-ittra kienet* tikkontjeni att tal-Qorti, ma kinitx taf li dan kien ċitazzjoni jew att relattiv għall-kwistjoni li żewgha kellu mad-ditta attriċi. Mill-banda l-oħra hu għal kollox aċċettabbli, soltu u normali li fil-"menage familjari" il-konjugi ma humiex mistennija li jiftħu l-posta ta' xulxin, għalkemm hu preżunt li huma dejjem preparati jirċevuha u jiffirmaw għaliha;

Din il-Qorti tqis l-istitut tal-kontumaċja bħala miżura ta' natura punittiva neċessarja biex tassigura serjetà fil-proċeduri u rispett dovut lejn l-atti emessi mill-Qorti. Mill-banda l-oħra proprju minħabba is-sanzjoni spiss irriversibbli li timporta, hi tifhem li r-rigorosità tal-proċedura għandha tiġi applikata u interpretata b'mod restrittiv fis-sens li fejn il-Qorti tkun sodisfatta li ma kien hemm l-ebda nuqqas da parti tal-persuna notifikanda li jista' jammonta għall-*culpa* - kif hu fil-każ preżenti - anki għax ma jistax jkun hemm kolpa fejn ma kienx hemm il-konoxxenza tan-notifika ta' l-att bħala fatt, ma għandu jkun hemm l-ebda ostakolu li l-kontumaċja titqies li ġiet ġustifikata;

Għal dawn il-motivi il-Qorti tiddeċidi fuq it-talba tal-konvenut, tqis li l-konvenut iġġustifika sodisfaċentement il-kontumaċja tiegħu w konsegwentement tammettieh biex jippreżenta l-eċċezzjonijiet tiegħu w takkordalu għoxrin (20) ġurnata mil-lum għall-preżentata tagħhom;